**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2016 – Laboratorios Ern vs EUIPO – Ascendo Medienagentur (SLIMDYNAMICS)**

**(Kawża T-700/16)**

(2016/C 462/33)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Laboratorios Ern, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: S. Correa Rodríguez, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Ascendo Medienagentur AG (Gamprin Bendern, Liechtenstein)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "SLIMDYNAMICS" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 882 304

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Lulju 2016 fil-Każijiet Magħquda R 1814/2015-4 and R 1780/2015-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn laqgħet it-talba dwar il-prodotti fil-klassi 5 u tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 12 882 304 SLIM DYNAMICS & design sa fejn tinkludi l-prodotti fil-klassi 5; u

— tikkundanna lill-EUIPO, u jekk tiddeċiedi li tintervjeni f'din il-kawża, lil ASCENDO MEDIENAGENTUR AG għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2016 – La Patrouille vs EUIPO – Alpha Industries (Rappreżentazzjoni ta' figura b'anġli)**

**(Kawża T-709/16)**

(2016/C 462/34)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* La Patrouille (Pantin, Franza) (rappreżentant: A. Lakits-Josse, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Alpha Industries, Inc. (Chantilly, Virginia, l-Istati Uniti tal-Amerka)